IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 26.9.2008
KUMM(2008) 587 finali

L-EWWEL RAPPORT FINANZJARJU MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Dwar il-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA

- SENA FINANZJARJA 2007 –

{SEC(2008) 2502 }

WERREJ

L-EWWEL RAPPORT FINANZJARJU MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA

– SENA FINANZJARJA 2007 –

{SEC(2008) 2502}

1. PROĊEDURA TAL-BAĠIT 3

1.1. Abbozz preliminari tal-baġit 2007 3

1.2. Abbozz tal-baġit 2007 3

1.3. Ittra ta' Emenda għall-2007 3

1.4. Dħul assenjat lill-FAEG 3

1.5. Ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor 4

1.6. L-adozzjoni tal-baġit 2007 4

1.7. Il-Baġit ta' Emenda Nru 7/2007 4

2. POŻIZZJONI TAL-FLUS U L-ĠESTJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET 5

2.1. Ġestjoni tal-approprjazzjonijiet 5

2.2. Ħlasijiet ta' kull xahar 6

3. NEFQA TAL-BAĠIT TAL-FAEG 2007 6

4. RIMARKI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT AGRIKOLU 2007 7

5. RIMARKI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL ASSENJAT 8

6. RIMARKI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FOND TA' RISTRUTTURAR FIS-SETTUR TAZ-ZOKKOR 9

7. ANALIŻI SKONT IT-TIP TA' NEFQA 9

ANNESS 1 PROĊEDURA BAĠITARJA GĦALL-2007 – FAEG APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN

ANNESS 2 PARTI MILL-BAĠIT TAL-EX-FAEGG U L-FAEG FIL-BAĠIT TAL-UE 2002-2007

ANNESS 3 ANALIŻI TAN-NEFQA BAĠITARJA TAL-FAEG TAL-2007

ANNESS 4 ANALIŻI TAN-NEFQA TAD-DĦUL ASSENJAT GĦALL-2007

ANNESS 5 NEFQA TOTALI FAEG GĦALL-2007, GĦAL KULL ARTIKOLU U GĦAL KULL STAT ĦEMBRU

ANNESS 6 EVOLUZZJONI TAL-ANALIŻI TAN-NEFQA TAS-SEZZJONI GARANZIJI TAL-FAEGG 002-2007

NOTA: Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni ddettaljat huma mehmuż ma' dan ir-rapport. It-test sħiħ ta' dan id-dokument ta' ħidma (bl-ingliż) u t-tabelli annessi (bl-ingliż) ser ikunu disponibbli wkoll fuq il-websajt europa tad-dġ għall-agrikoltura.

1. PROĊEDURA TAL-BAĠIT[1]

1.1. Abbozz preliminari tal-baġit 2007[2]

L-Abbozz Preliminari tal-Baġit 2007 ġie adottat mill-Kummissjoni u propost lill-Awtorità tal-Baġit f'April 2006. L-approprjazzjonijiet ta' impenn proposti għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, intestatura 2, kellhom total ta' EUR 43 684.0 miljun.

1.2. Abbozz tal-baġit 2007

Il-Kunsill[3] adotta l-Abbozz tal-Baġit 2007 f'Lulju 2006. L-approprjazzjonijiet tal-FAEG kienu mnaqqsa bi EUR 730.0 miljun meta mqabbla mal-APB.

1.3. Ittra ta' Emenda għall-2007

Fl-aħħar ta' Ottubru 2006 il-Kummissjoni adottat Ittra ta' Emenda Nru 3 għall-ħtiġijiet tal-approprjazzjonijiet għall-iffissar tal-PDB 2007 għall-FAEG għal EUR 42 832.3 miljun li kienu EUR 851.7 miljun anqas meta mqabbla mal-ammonti korrispondenti fl-Abbozz Preliminari tal-Baġit.

1.4. Dħul assenjat lill-FAEG[4]

Abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 tar-Regolament ġdid dwar il-Finanzjament tal-PAK (KE) Nru 1290/2005, id-dħul li ġej mill-korrezzjonijiet finanzjarji skont id-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità, mill-irregolaritajiet u mill-imposta fuq il-ħalib, huma mmarkati bħala dħul assenjat għall-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG. Fiż-żmien li ġie stabbilit il-baġit tal-2007, saret stima ta' dan id-dħul, li ammontat għal EUR 987.0 miljun, u din l-istima tqieset meta l-Awtorità tal-Baġit adottat l-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-2007. B'mod speċifiku:

– id-dħul mill-imposta fuq il-ħalib ġie stmat għal EUR 349.0 miljun u tqies billi tnaqqsu l-approprjazzjonijiet mitluba għas-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib li għalihom l-Awtorità tal-Baġit tathom l-ammont ta' EUR 587.0 miljun;

– id-dħul mill-korrezzjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità u minn irregolaritajiet ġie stmat għal EUR 568.0 miljun u EUR 70.0 miljun rispettivament. L-ammont totali ta' EUR 638.0 miljun tqies billi tnaqqsu l-approprjazzjonijiet mitluba għall-iskema ta' ħlas uniku li għaliha l-Awtorità tal-Baġit tat ammont ta' EUR 27 918.0 miljun.

Skont ir-regoli, dan id-dħul jista' jinituża, parzjalment jew kollu, biex ikopri n-nefqa tal-FAEG jekk l-approprjazzjonijiet tal-baġit mogħtija mill-Awtorità tal-Baġit ma jkunux biżżejjed biex jiffinanzjaw in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri. F'każ fejn parti minn dan id-dħul ma tintużax, din il-parti tiġi ttrasferita awtomatikament għas-sena tal-baġit ta' wara.

---

1 Din il-proċedura hija ppreżentati fl-anness 1

2 Inklużi r-riżervi

3 L-ewwel qari

4 Dawn l-ammonti mhumiex miktuba fil-linji tad-dħul tal-baġit (Artikolu 670 għad-dħul assejnat lill-FAEG) iżda huma msemmija fil-kummenti tal-baġit ta' dawn l-artikoli.

1.5. Ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor[5]

L-ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor jitqiesu bħala dħul assenjat maħsub biex jiffinanzja l-għajnuna għar-ristrutturar ta' dan is-settur u għajnuniet oħra previsti fil-fond għar-ristrutturar. Għas-sena tas-suq 2006/07 dawn l-ammonti għandhom x'jaqsmu mal-kwoti kwantitattivi taz-zokkor, il-ġulepp tal-insulina u l-isoglukożju miżmuma mill-operaturi u li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri lill-Fond f'żewġ pagamenti, li l-iskadenzi tagħhom huma l-31 ta' Marzu u t-30 ta' Novembru 2007 rispettivament. Ammont ta' EUR 1 259.0 miljun kien stmat bħala assenjat taħt dan il-fond.

1.6. L-adozzjoni tal-baġit 2007

Il-Parlament Ewropew addotta l-baġit tal-2007 fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Diċembru 2006, skont l-ammonti proposti fit-Tieni Qari tal-Kunsill. L-approprjazzjonijiet tal-FAEG, intestatura 2, ammontaw għal EUR 42 711.7 miljun[6].

L-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas tal-FAEG inizjalment disponibbli ammontaw għal EUR 42 711.7 miljun u għal EUR 42 435.6 miljun rispettivament. Għall-qasam tal-politika 05-agrikoltura u żvilupp rurali, kienu previsti krediti li ammontaw għal EUR 5 615.2 miljun għall-interventi fis-swieq agrikoli, waqt li EUR 36 878.5 miljun kienu previst għall-għajnuna diretta. Minbarra dan, kienu previsti krediti ta' EUR 309.8 miljun għall-qasam ta' politika 17-miżuri veterinarji u fitosanitarji u EUR 30.5 miljun għall-qasam ta' politika 11-is-swieq tas-sajd[7], fil-baġit tal-2007. Id-differenza bejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas, li tammonta għal EUR 276.0 miljun, hija dovuta għall-fatt li l-approprjazzjonijiet differenzjati jintużaw għall-ħlasijiet li jsiru direttament lill-Kummissjoni għall-promozzjoni ta' prodotti agrikoli, għall-miżuri ta' strateġija politika u ta' koordinazzjoni għall-agrikoltura kif ukoll għal miżuri veterinarji u fitosanitarji.

1.7. Il-Baġit ta' Emenda Nru 7/2007

F'Diċembru 2007, il-Kummissjoni pproponiet u l-Awtorità tal-Baġit aċċettat aġġustament, permezz ta' AB 7/2007, fl-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas tal-baġit 2007, billi kkanċellat ammont ta' EUR 400.0 miljun mill-approprjazzjonijiet ta' kreditu inizjali tal-FAEG li, għalhekk, ammonta għal EUR 42 311.7 miljun. Fid-dettall, il-Baġit ta' Emenda kien jinvolvi tnaqqis fl-approprjazzjonijiet għall-kapitolu 05 02 "Interventi fi swieq agrikoli" ta' EUR 673.5 miljun , filwaqt li żidithom għall-kapitolu 05 03 "Għajnuniet diretti" bi EUR 188.0 miljun u għall-kapitolu 05 07 "Verifika tan-nefqa agrikola" b'EUR 85.5 miljun. L-Anness 3 jippreżenta l-approprjazzjonijiet finali disponibbli, in-nuqqas fl-implimentazzjoni li rriżulta ġie mnaqqas għal EUR 191.9 miljun (0,5%).

Il-parti tal-baġit finali tal-FAEG (approprjazzjonijiet ta' impenn) fil-Baġit ta' l-UE globali għall-perjodu 2002-2007 jidher fl-Anness 2.

---

5 Dawn l-ammonti mhumiex miktuba fil-linji tad-dħul tal-baġit (Artikolu 680 għall-ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor) iżda huma msemmija fil-kummenti tal-baġit ta' dawn l-artikoli.

6 L-ammont nett, inkluza l-previzjoni tad-dħul assenjat.

7 Inkluži r-riżervi

2. POŻIZZJONI TAL-FLUS U L-ĠESTJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET

2.1. Ġestjoni tal-approprjazzjonijiet

2.1.1. Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja 2007

EUR

It-taqsima dwar in-nefqa baġitarja	L-approprazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' ħlas
1. Approprjazzjonijiet inizjali għall-FAEG	42 711 661 000.00	43 875 641 756.00
2. Baġit ta' Emenda	-400 000 000.00	-400 000 000.00
3. Approprjazzjonijiet finali tal-FAEG li minnhom:	**42 311 661 000.00**	**43 475 641 756.00**
3a. Approprjazzjonijiet għal ġestjoni konġunta (minbarra TRDI (1) UE 10)	41 908 432 000.00	41 908 432 000.00
3b. Approprjazzjonijiet għan-nefqa diretta	403 229 000.00	127 209 756.00
3c. Approprjazzjonijiet għal TRDI UE 10	0.00	1 440 000 000.00

(1) Strument Tranżitorju għall-Iżvilupp Rurali (TRDI) għall-UE 10

2.1.2. Nefqa tal-approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja 2007

It-tabella li ġejja tagħti dettalji dwar in-nefqa tal-baġit li saret fl-2007:

EUR

Nefqa	Nefqa tal-approprjazzjonijiet ta' impenn	Nefqa tal-approprjazzjonijiet ta' ħlas
Ġestjoni konġunta (minbarra TRDI UE 10) (1):	42 335 567 108.49	42 335 567 108.49
Nefqa diretta	336 739 778.86	78 872 905.36
TRDI UE 10	0.00	1 298 701 347.00
Totali (inkluż *il-Fond ta' Ristrutturar fis-Settur taz-Zokkor*)	42 672 306 887.35	43 713 141 360.85
Il-Fond għar-Ristrutturar fis-Settur taz-Zokkor	551 435 562.68	551 435 562.68
Totali (eskluż *il-Fond ta' Ristrutturar fis-Settur taz-Zokkor*)	42 120 871 324.67	43 161 705 798.17

(1) Ammont impenjat. Impenji u ħlas bid-dħul rċevut imnaqqas: EUR 39 887 650 082.38

Għas-sena finanzjarja 2007, in-nefqa tal-approprjazzjonijiet ta' impenn ammontaw għal EUR 42 672 306 887.35 u n-nefqa tal-approprjazzjonijiet tal-ħals ammontaw għal EUR 43 713 141 360.85.

2.1.3. Trasferimenti awtomatiċi mill-2006

EUR

Trasferiment mill-2006 għall-2007	**Impenn**	Tħassira	Ħlasijiet	Approprjazzjoniji et imħassra.
Approprjazzjoniji et trasferiti	265 366 752.43	3 917 107.82	206 772 710.88	54 676 933.73

It-trasferiment awtomatiku mill-2006 għall-2007 kkonċerna biss in-nefqa diretta għall-approprjazzjonijiet mhux differenzjati. Kif indikat fit-tabella hawn taħt, ammont

ta' EUR 265.4 miljun kienu trasferiti mill-2006 għall-2007. Fl-2007 ammont ta' EUR 3.9 miljun minn dan it-trasferiment kien imħassar. Il-ħlasijiet magħmula ammontaw għal EUR 206.8 miljun u l-ammonti kkanċellati kellhom total ta' EUR 54.7 miljun.

2.2. Ħlasijiet ta' kull xahar

2.2.1. Ħlasijiet ta' kull xahar lill-Istati Membri

2.2.1.1. Ħlasijiet ta' kull xahar fuq id-dispożizzjoni għan-nefqa

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni[8] fl-Artikolu 15 jistipula li "l-Kummissjoni għandha tagħmel ħlasijiet ta' kull xahar għan-nefqa effettwata mill-aġenziji akkreditati tal-ħlas ta' l-Istati Membri". Il-ħlasijiet ta' kull xahar għandhom isiru lil kull Stat Membru mhux aktar tard mit-tielet jum tax-xogħol tat-tieni xahar ta' wara dak li fih tiġi effettwata n-nefqa.

Il-ħlasijiet ta' kull xahar huma rimborż tan-nefqa netta (wara t-tnaqqis tad-dħul) li diġà saret u jsiru disponibbli fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar mibgħuta mill-Istati Membri[9]; il-prenotament ta' kull xahar tan-nefqa u d-dħul huwa suġġett għal verifiki u korrezzjonijiet abbażi tad-dikjarazzjoni ddettaljata[10]. Barra minn hekk, isiru finali wara l-verifika matul l-eżercizzji ta' wara fid-dawl ta' l-approvazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-kontabilità.

Ħlasijiet magħmula mill-Istati Membri mis-16.10.2006 sal-15.10.2007 huma koperti mis-sistema ta' pagamenti ta' kull xahar. Għall-ħlasijiet li jibqa', il-Kummissjoni tagħmel ħlasijiet diretti għal numru limitat ta' miżuri.

Għas-sena finanzjarja 2007, l-ammont totali nett tal-ħlasijiet ta' kul xahar kien ta' EUR 39 887 650 082.38.

2.2.1.2. Deċiżjonijiet dwar il-ħlasijiet ta' kull xahar għall-2007

Matul is-sena finanzjarja 2007, il-Kummissjoni adottat 12-il deċiżjoni dwar il-ħlasijiet ta' kull xahar. Ħlas ta' kull xahar addizzjonali, li jaġġusta dawk diġà mogħtija għan-nefqa totali li saret matul is-sena, ġie adottat f'Diċembru 2007. (Ġħad-dettalji, jekk jogħġbok ara l-anness 5 tad-Dokument ta' Ħidma ma' dan ir-rapport).

3. NEFQA TAL-BAĠIT TAL-FAEG 2007

Is-sena agrikola 2007 fissret żidiet sostanzjali fil-prezzijiet ta' ħafna prodotti agrikoli kemm fis-suq tal-UE kif ukoll fis-suq dinji. Dawn iż-żidiet kienu prinċiparjament fiċ-ċereali u l-prodotti tal-ħalib. B'kuntrast mat-trobbija tal-bhejjem, il-produzzjoni tal-bhejjem kumplessiva tal-UE naqset fl-2007. Dawn l-iżviluppi fis-swieq agrikoli

---

8 ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

9 Dawn id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa ta' kull xahar jiġu trażmessi mill-Istati Membri permezz ta'-dikjarazzjoni fl-10 jum tax-xahar.

10 Id-dikjarazzjonijiet ddettaljati jiġu trażmessa kull xahar mill-Istati Membri (permezz tat-tabella 104) fl-20 jum tax-xahar.

flimkien ma' fatturi oħrajn affettwaw il-livell tan-nefqa tal-FAEG f'ċerti oqsma tal-baġit u wasslu għal nuqqas ta' nefqa sinifikanti tal-approprjazzjonijiet ta' kreditu tiegħu.

L-implimentazzjoni tal-baġit ammonta għal EUR 42 120.9 miljun, jiġifieri għal madwar 98.6% tal-approprojazzjonijiet ta' kreditu inizjali. Dan l-ammont jinkludi l-implimentazzjoni tal-krediti li jikkorispondu għas-swieq tas-Sajd (Qasam tal-Politika 11) ta' madwar EUR 25.1 miljun kif ukoll għan-nefqa Veterinarja (Qasam tal-Politika 17) ta' EUR 260.3 miljun. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-Agrikoltura (Qasam tal-Politika 05), in-nefqa għall-Interventi fis-swieq agrikoli ammontat għal EUR 4 867.6 miljun u għall-għajnuna Diretta għal EUR 37 044.7 miljun. Għalhekk, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-FAEG irriżulta f'nuqqas ta' nefqa ta' EUR 591.9 miljun, qabel l-adozzjoni tal-Baġit ta' Emenda Nru 7/2007. Għad-dettalji, jekk jogħġbok ara l-anness 3.

4. RIMARKI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT AGRIKOLU 2007

L-approprjazzjonijiet inizjali tal-baġit kienu prinċiparjament sottoimplimentati għall-interventi fi swieq agrikoli iżda sovraimplimentati għall-għajnuna diretta. It-tabella 3 annessa tippreżenta d-dettalji ta' l-implimentazzjoni għall-artikoli varji tal-baġit. Ir-raġunijiet ewlenin għax-xejra fl-implimentazzjoni ta' ċerti artikoli tal-baġit imqabbla ma' l-approprjazzjonijiet inizjali tiegħu huma spjegati fil-qosor hawnhekk:

Iċ-Ċereali

Il-kundizzjonijiet estremament favorevoli, kemm interni kif ukoll esterni, ippredominaw is-suq taċ-ċereali din is-sena u wasslu għal prezzijiet ogħla fis-suq dinji u fis-suq intern. In-nuqqas ta' nefqa li rriżultat kienet ġejja minn:

– qligħ nett sinifikanti miksub għall-baġit billi x-xiri ta' ċereali għal ħażna pubblika kien baxx ħafna waqt li kwantitajiet kbar ħafna ta' ċereali nbiegħu mill-ħażna pubblika u ġabu prezzijiet għoljin; kif ukoll

– nefqa anqas fuq rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċereali billi r-rata ta' rifużjoni ġiet stipulata għal 0 għal-kważi s-sena finanzjarja kollha.

Rifużjonijiet fuq prodotti li mhumiex fl-Anness I

Il-kundizzjonijiet estremament favorevoli, kemm interni kif ukoll esterni fis-swieq taċ-ċereali u tal-ħalib, f'dan is-settur ukoll, ġabu tnaqqis ġenerali globali fir-rati ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni u sussegwentament nefqa anqas fuq rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli pproċessati. Għalhekk, irriżulta nuqqas ta' nefqa fl-approprjazzjonijiet tal-baġit.

Iz-zokkor

Is-sovraimplimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-baġit kienet riżultat tan-nefqa akbar fuq rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni mġarrba mill-Istati Membri billi l-kwantitajiet ta' zokkor esportat, kemm tas-suq ħieles u tal-ħażna pubblika, kienu wisq akbar mis-suppożizzjonijiet magħmula fil-baġit ta' l-2007.

Frott u ħxejjex

In-nuqqas fl-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-baġit kien primarjament riżultat tan-nefqa anqas imġarrba minn Stati Membri minħabba l-kwantitajiet iżgħar ta' tadam li rċevew l-għajnuna għall-ipproċessar kif ukoll it-teħid anqas ta' fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi meta mqabbla mas-suppożizzjonijiet magħmula fil-baġit 2007.

Ħalib u prodotti tal-ħalib

Il-kundizzjonijiet estremament favorevoli, kemm interni kif ukoll esterni, fis-swieq tal-ħalib wasslu għal nefqa anqas minn Stati Membri fuq rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti tal-ħalib, fuq il-ħażna pubblika tal-butir u fuq l-għajnuniet għar-rimi intern tal-ħalib xkumat.

Madankollu, in-natura ta' din in-nefqa żejda apparenti tal-approprjazzjonijiet tal-baġit hija teknika. L-approprjazzjonijiet tal-baġit 2007 mitluba u mogħtija mill-Awtorità tal-Baġit għal dan is-settur kienu netti mid-dħul, allura essenzjalment huma inqas b'dan l-ammont (EUR 349.0 miljun). Din hija r-raġuni għaliex kien hemm din in-nefqa żejda fl-approprjazzjonijiet tal-baġit.

Għajnuniet diretti

In-nefqa żejda li rriżultat mit-tabella tal-baġit hija konsegwenza tat-trattament partikulari tad-dħul assenjat.

L-approprjazzjonijiet tal-baġit 2007 mitluba u mogħtija mill-Awtorità tal-Baġit għal dan is-settur kienu netti mid-dħul assenjat għalih (EUR 638.0 miljun). Għalhekk in-nefqa żejda ta' EUR 166.0 miljun fir-rigward tal-baġit inizjali issir sottoimplimentazzjoni meta mqabbla mal-bżonnijiet (EUR 472.0 miljun).

5. RIMARKI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL ASSENJAT

It-tabella fl-anness 4 tippreżenta d-dettalji għall-implimentazzjoni tad-dħul assenjat:

Id-dħul assenjat għall-FAEG

Matul is-sena baġitarja 2007, l-Istati Membri ddikjaraw dħul assenjat lill-FAEG li jammonta għal EUR 1 159.5 miljun, li kien trasferit għall-2008 biex ikopri l-bżonnijiet baġitarji mistennija għal dik is-sena.

Id-dħul li għandu x'jaqsam mal-ammonti ta' ristrutturar temporanju fis-settur taz-zokkor

Matul is-sena baġitarja 2007, l-Istati Membri kienu għamlu t-trasferiment tal-ewwel pagament tal-ammonti ta' ristrutturar temporanju dovut, li kien jammonta għal madwar EUR 1 287.2 miljun, fil-kont tad-dħul assenjat.

6. RIMARKI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FOND TA' RISTRUTTURAR FIS-SETTUR TAZ-ZOKKOR

Ma kien hemm ebda approprjazzjonijiet ta' impenn jew ta' ħlas previsti fil-baġit tal-2007 (artikolu 05 02 16) għall-Fond ta' Ristrutturar fis-Settur taz-Zokkor. Ħlasijiet saru mid-dħul assenjat li kien dikjarat bħala ammonti ta' ristrutturar temporanju fis-settur taz-zokkor mill-Istati Membri.

Parti mid-dħul assenjat stmat inizjalment, li jammonta għal EUR 757.0 miljun, kien destinat għall-ħlasijiet għal għajnuna lill-industrija taz-zokkor ristrutturata, għal għajnuna diversifikata kif ukoll għal għajnuniet lir-raffinaturi taz-zokkor. Madanakollu, matul is-sena baġitarja 2007, l-Istati Membri ħallsu madwar EUR 551.4 miljun għal dawn l-għajnuniet. Il-bilanċ mhux użat bejn id-dħul assenjat miġbur ta' EUR 1 287.2 miljun u l-ħlas ta' EUR 551.4 miljun għat-tipi differenti ta' għajnuna ammontaw għal EUR 735.8 miljun u dan ġie trasferit għall-2008 biex jiffinanzja ħlasijiet għal dawn l-għajnuniet mistennija li jsiru f'dik is-sena. Għad-dettalji, jekk jogħġbok ara l-anness 4.

7. ANALIŻI SKONT IT-TIP TA' NEFQA

L-ispiża total tan-nefqa tal-FAEG tammonta għal EUR 42 120.9 miljun u tista' tinqasam fil-kategoriji prinċipali li ġejjin. Minn hawn 'il quddiem, jingħataw in-nefqa korrispondenti flimkien mal-persentaġġ li din in-nefqa tirrappreżenta min-nefqa totali tal-FEAG għall-2007:

Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni

In-nefqa fuq rifużjonijiet tal-esportazzjoni ammontat għal EUR 1,444.7 miljun, jiġifieri: 3.43% tat-total.

Għajnuniet diretti

L-ammont tan-nefqa skont din l-intestatura kien ta' EUR 37,045.8 miljun, jiġifieri: 87.95% tat-total.

Il-ħażna

L-ammont tan-nefqa għall-ħażna kien ta' EUR 106.7 miljun, jiġifieri: -0.25% tat-total. Il-prodotti ewlenin involuti kienu ċereali, zokkor u alkoħol.

Miżuri oħrajn

L-ammont tan-nefqa għal interventi oħra kien ta' EUR 3,763.9 miljun, jiġifieri: 8.94% tat-total ta' dik is-sena. Din l-intestatura tkopri nfiq li ma jaqax taħt waħda mill-kategoriji msemmija hawn fuq.

Żvilupp Rurali

In-nefqa fuq l-iżvilupp rurali relatata mas-sezzjoni tal-Garanziji tal-ex-FAEGG ammontat għal EUR 26.8miljun, jiġifieri: -0.06%.

L-evoluzzjoni ta' dan it-tqassim tan-nefqa skont it-tip għall-perjodu 2002-2007 hija ppreżentata fl-Anness 6.

ANNESS 1

PROCEDURA BAGITARJA GĦALL-2007 - Approprjazzjonijiet ta' impenn tal-FAEG

EUR Miljuni

Titlu / Kapitlu / Artikolu	INTESTATURA	APB		AB Kunsill - l-ewwel qari		AB PE - l-ewwel qari		Ittra ta' Emenda		Kunsill it-tieni qari		BAĠIT	
		CA	PA	CA	PA	CA	PA	CA	PA	CA	PA	CA	PA
05 01	**NEFQA TA' ĠESTJONI U APPOĠĠ FIL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI**	**8,46**	**8,46**	**8,46**	**8,46**	**7,61**	**7,61**	**8,46**	**8,46**	**8,46**	**8,46**	**8,46**	**8,46**
05 01 04	Nefqa ta' appoġġ ġenerali-operazzjonijiet fil-qasam tal-politika tal-agrikoltura	8,46	8,46	8,46	8,46	7,61	7,61	8,46	8,46	8,46	8,46	8,46	8,46
05 02	**INTERVENTI FUQ SWIEQ AGRIKOLI**	**5.698,44**	**5.695,51**	**5.173,44**	**5.170,51**	**6.074,44**	**6.071,51**	**5.627,84**	**5.624,91**	**5.615,19**	**5.612,26**	**5.615,19**	**5.612,26**
05 02 01	Ċereali	694,00	694,00	645,74	645,74	694,00	694,00	516,00	516,00	516,00	516,00	516,00	516,00
05 02 02	Ross	2,00	2,00	1,79	1,79	2,00	2,00	-2,00	-2,00	-2,00	-2,00	-2,00	-2,00
05 02 03	Rifużjonijiet fuq prodotti li mhumiex fl-anness 1	344,00	344,00	320,08	320,08	344,00	344,00	299,00	299,00	299,00	299,00	299,00	299,00
05 02 04	Programmi tal-ikel	278,00	278,00	267,72	267,72	326,00	326,00	278,00	278,00	278,00	278,00	278,00	278,00
05 02 05	Żokkor	235,00	235,00	206,21	206,21	235,00	235,00	323,00	323,00	323,00	323,00	323,00	323,00
05 02 06	Żejt taż-żebbuġa	48,00	48,00	44,66	44,66	48,00	48,00	50,00	50,00	50,00	50,00	50,00	50,00
05 02 07	Pjanti li minnhom isiru l-tessuti	21,00	21,00	19,54	19,54	21,00	21,00	22,00	22,00	22,00	22,00	22,00	22,00
05 02 08	Frott u ħxejjex	1.407,00	1.407,00	1.309,15	1.309,15	1.409,00	1.409,00	1.324,00	1.324,00	1.319,76	1.319,76	1.319,76	1.319,76
05 02 09	Prodotti tas-settur tal-inbid	1.411,00	1.411,00	1.312,87	1.312,87	1.411,00	1.411,00	1.487,00	1.487,00	1.487,00	1.487,00	1.487,00	1.487,00
05 02 10	Promozzjoni	43,84	40,91	40,79	37,86	49,84	46,91	45,84	42,91	45,30	42,36	45,30	42,36
05 02 11	Prodotti/miżuri oħra għall-pjanti	295,60	295,60	275,04	275,04	295,60	295,60	379,00	379,00	379,00	379,00	379,00	379,00
05 02 12	Ħalib u prodotti tal-ħalib	618,00	618,00	449,78	449,78	937,00	937,00	587,00	587,00	587,00	587,00	587,00	587,00
05 02 13	Ċanga u vitella	152,00	152,00	141,43	141,43	152,00	152,00	117,00	117,00	117,00	117,00	117,00	117,00
05 02 14	Laħam tan-naħaġ u tal-moħoż	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
05 02 15	Majjal, bajd u ħjur, trobbija tan-naħal u prodotti oħra tal-annimali	149,00	149,00	138,64	138,64	150,00	150,00	202,00	202,00	194,14	194,14	194,14	194,14
05 02 16	Fond ta' Ristrutturar fis-Settur taż-Żokkor	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
05 02 99	Irregolaritajiet (interventi fuq is-swieq agrikoli)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
05 03	**Ghajnuniet diretti**	**37.660,63**	**37.660,63**	**37.660,63**	**37.660,63**	**37.660,63**	**37.660,63**	**36.878,53**	**36.878,53**	**36.878,53**	**36.878,53**	**36.878,53**	**36.878,53**
05 03 01	Ghajnuna diretta li mhix marbuta mal-produzzjoni	30.709,00	30.709,00	30.709,00	30.709,00	30.709,00	30.709,00	30.196,00	30.196,00	30.196,00	30.196,00	30.196,00	30.196,00
05 03 02	Ghajnuniet diretti oħra	6.483,63	6.483,63	6.483,63	6.483,63	6.483,63	6.483,63	6.214,53	6.214,53	6.214,53	6.214,53	6.214,53	6.214,53
05 03 03	Ammonti ta' ghajnuna addizzjonali	468,00	468,00	468,00	468,00	468,00	468,00	468,00	468,00	468,00	468,00	468,00	468,00
05 03 04	Ghajnuna diretta anċillari (reliquats, produtturi zgħar, ghajnuna agri-monetarja, eċċ.)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
05 03 99	Irregolaritajiet (Ghajnuniet agrikoli diretti)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
05 04	**ŻVILUPP RURALI (ffinanzjat mis-Sezzjoni Garanziji tal-ex-FAEGG)**	**0,00**	**1.441,44**	**0,00**	**1.441,44**	**0,00**	**1.441,44**	**0,00**	**1.441,44**	**0,00**	**1.441,44**	**0,00**	**1.441,44**
05 04 01	Żvilupp rurali ffinanzjat mis-sezzjoni Garanziji tal-ex-FAEGG - Tmiem tal-programmi preċedenti (2000 - 2006)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
05 04 03	Riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u tal-annimali - Tmiem tal-miżuri preċedenti (Miżuri oħra)	pm	1,44	pm	1,44	pm	1,44	pm	1,44	pm	1,44	pm	1,44
05 04 04	Strument Transitorju ghall-finanzjament tal-żvilupp rurali mis-Sezzjoni ta' Garanzija tal-ex-FAEGG ghall-Istati Membri godda - Tmiem il-programmi (2004-2006)	pm	1.440,00	pm	1.440,00	pm	1.440,00	pm	1.440,00	pm	1.440,00	pm	1.440,00
05 07	**VERIFIKA TAN-NEFQA AGRIKOLA**	**-64,00**	**-64,00**	**-269,00**	**-269,00**	**-63,15**	**-63,15**	**-64,00**	**-64,00**	**-172,00**	**-172,00**	**-172,00**	**-172,00**
05 07 01	Kontroll tan-nefqa agrikola	-64,00	-64,00	-269,00	-269,00	-63,15	-63,15	-64,00	-64,00	-172,00	-172,00	-172,00	-172,00
05 07 02	Soluzzjonijiet ta' tilwim	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
05 08	**STRATEĠIJA POLITIKA U KOORDINAZZJONI FIL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-AGRIKOLTURA**	**40,17**	**40,15**	**40,17**	**40,15**	**41,17**	**41,15**	**41,17**	**41,15**	**41,17**	**41,15**	**41,17**	**41,15**
05 08 01	Netwerk ta' data tal-kontabilità ta' l-irziezet (FADN)	13,89	13,92	13,89	13,92	13,89	13,92	13,89	13,92	13,89	13,92	13,89	13,92
05 08 02	Stharriġ dwar l-istruttura tal-impriżi agrikoli	19,00	16,70	19,00	16,70	19,00	16,70	19,00	16,70	19,00	16,70	19,00	16,70
05 08 03	Ristrutturar ta´ sistemi ghal sondaġġi agrikoli	1,78	4,03	1,78	4,03	1,78	4,03	1,78	4,03	1,78	4,03	1,78	4,03
05 08 06	Tishih ta' gharfien pubbliku tal-politika agrikola komuni	5,50	5,50	5,50	5,50	6,50	6,50	6,50	6,50	6,50	6,50	6,50	6,50
05 08 07	Tmiem ta' miżuri informattivi preċedenti	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
05 08 08	Studju dwar l-impatt tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/36/KE	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
05 08 09	FAEG - Assitenza teknika operattiva	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
11	**SWIEQ TAS-SAJD** (Ffinanzjati mill-FAEG) (*)	**15,50**	**15,50**	**15,50**	**15,50**	**15,50**	**15,50**	**15,50**	**15,50**	**15,50**	**15,50**	**15,50**	**15,50**
17	**VETERINARJA, FITOSANITARJA U SAMMA PUBBLIKA (Ffinanzjati mill-FAEG)**	**309,80**	**35,30**	**309,80**	**35,30**	**316,30**	**41,05**	**309,80**	**35,30**	**309,80**	**35,30**	**309,80**	**35,30**
	TOTAL approprjazzjonijiet tal-FAEG (minghajr riżervi)	43.669,01	44.832,99	42.939,01	44.102,99	44.052,51	45.215,74	42.817,31	43.981,29	42.696,66	43.860,64	42.696,66	43.860,64

(*) Ammont ta' 15 M€ fir-riżervi

ANNESS 2

PARTI MILL-BAĠIT TAL-ex-FAEGG U l-FAEG FIL-BAĠIT TAL-UE 2002-2007

SENA TAL-BAĠIT	2002	2003	2004	2005	2006	2007
	%	%	%	%	%	%
BAĠIT TAL-UE	100%	100%	100%	100%	100%	100%
FAEGG - Garanziji	**44,7%**	**45,2%**	**41,4%**	**42,5%**	**41,8%**	-
li minnhom 1A	40,0%	40,4%	35,4%	36,5%	35,3%	-
li minnhom 1B	4,7%	4,8%	6,0%	6,0%	6,5%	-
FAEG	-	-	-	-	-	**33,0%**



ANNESS 3

ANALIZI TAN-NEFQA BAGITARJA TAL-FAEG TAL-2007

EUR

IPF	T	K	A	INTESTATURA	BAĠIT INIZJALI 2007	Baġit Emendatorju 7/2007	NEFQA 2007 (10/2007) Finali	DIFF NEFQA - BAĠIT INIZJALI	DIFF NEFQA - BE nº 7/2007	% NEFQA / BAĠIT INIZJALI	% NEFQA / Baġit Emendatorju 7/2007
					(0)	(1)	(2)	(3) = (2) - (0)	(4) = (2) - (1)	(5) = (2) / (0)	(6) = (2) / (1)
****)											
	05			**Agrikoltura u Żvilupp Rurali**	**42.371.361.000**	**41.971.361.000**	**41.834.331.375**	**-537.029.624,63**	**-137.029.624,63**	**98,7%**	**99,7%**
	05	01		**NEFQA AMMINISTRATTIVA FIL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-AGRIKOLTURA**	**8.460.000**	**8.460.000**	**6.435.855,07**	**-2.024.144,93**	**-2.024.144,93**	**76,1%**	**76,1%**
2	05	01	04	Nefqa ta' appoġġ	8.460.000	8.460.000	6.435.855,07	-2.024.144,93	-2.024.144,93	76,1%	76,1%
